# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 927/97mm**

**Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Carmel Azzopardi abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Carmel Azzopardi**

**vs**

**Joseph Grech u b'digriet tal-25 ta' Mejju 1998 gie kjamat fil-kawza Alan Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-8 ta' Mejju 1997 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma komplessiva ta' Lm297.40 mitejn u sebgha u disghin lira u erbghin centezmi jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi,

rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizzjoni minnu kkagunata, li grat bejn il-vetturi BAC 064, B-6941 u R-2564, fid-29 ta' Dicembru 1996, f'St Edward Street, Birgu, stante li huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u cioe' mid-29 ta' Jannar 1997 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittra legali tal-15 ta' Frar 1997 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut -kollox kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhuwiex responsabbli ghall-incident li sehh fid-29 ta' Dicembru 1997, liema ncident ma sehhx minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-eccipjenti, imma minhabba casus - cirkostanzi li fuqhom l-eccipjent  ma kellu ebda kontroll.

2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Mejju 1998 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza  ta' Alan Galea.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Alan Galea fejn ecepixxa:

1. Illi hu m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici jew lill-konvenut l-iehor ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti hu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara f'St Edward Street, Birgu fejn il-Fortini Kiosk fin-nizla li taghti ghall-Kalkara. Involuti kien hemm tlett vetturi: BAC 064 misjuqa minn Carmel Azzopardi, B-6941 misjuqa minn Alan Galea u R-2564 misjuqa minn Joseph Grech. Fil-hin tal-incident kien lahaq dalam sew.

Carmel Azzopardi xehed illi huwa kien qed isuq go St Edward's Street fid-direzzjoni tal-Kalkara. F'daqqa wahda jara karozza gejja minn faccata bla dawl liema karozza kienet qed tinstaq bi *speed* eccessiv u b'mod erratiku, ghalhekk huwa resaq kemm setgha lejn ix-xellug sabiex din il-karozza tkun tista tghaddi liberament minn fuq il-lemin tieghu. Gara pero' illi dak il-hin kienet gejja karozza ohra minn warajh B-6941 misjuqa minn Alan Galea u meta ra l-karozza ta' Azzopardi tiggenneb mat-triq ghamel manuvra ta' sorpass. Kif ghamel hekk, tfaccat il-karozza l-ohra li kienet gejja mid-direzzjoni tal-Kalkara u baqghet diehla fuq il-karozza misjuqa minn Galea. Konsegwentement dina

ntefghet fuq il-karozza ta' Azzopardi. Gie allegat illi s-sewwieq tal-karozza Escort R-2564 il-konvenut Joseph Grech kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb. Dana gie konfermat ukoll mis-Surgent Pulo li nvestiga dan il-kaz illi ra l-konvenut jixhet flixkun tal-birra barra f'ghalqa, u di piu' kellu riha qawwija ta' xorb.

Il-kjamat fil-kawza Alan Galea jikkorrobora bejn wiehed u iehor din il-versjoni kif moghtija minn Azzopardi. Ghad illi huwa ma kienx induna mill-ewwel bl-Escort gejja mill-faccata u lanqas ma nduna bil-karozza misjuqa minn Azzopardi fuq ix-xellug tieghu. Jaf biss li f'daqqa wahda, tfaccat l-Escort u baqghet diehla fuqu u tefghetu fuq il-karozza misjuqa minn Azzopardi. Galea wkoll jallega illi l-konvenut kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb.

Il-konvenut minn nahha l-ohra jinnega dan kollu u jghid illi l-kawza ta' l-incident kienet hsara fil-karozza peress li marritilha xi *bolt joint* u b'hekk tilef il-kontroll ta' l-*steering wheel.* Ma kienx minnu illi huwa kien xurban u lanqas ma kien minnu li kien qed isuq b'xi sewqan eccessiv. Jaf biss illi l-incident gara f'hakka t'ghajn meta tilef il-kontroll tal-karozza u baqa diehel fuq il-karozza misjuqa minn Galea. Ighid illi huwa nesa minn fejn kien gej u li tilef il-kontroll tal-karozza minnhabba din il-hsara teknika li gralha fl-*steering.*

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u nettament il-konvenut Joseph Grech. Il-Qorti hija konvinta illi dana kien qed

isuq taht l-influwenza tax-xorb u ma hix qed temmen il-versjoni tieghu illi l-incident gara minhabba hsara fl-*steering.* Ma hemmx dubbju illi l-konvenut kien qed isuq b'mod traskurat u b'velocita' eccessiva. Dana xehduh kemm Carmel Azzopardi u kif ukoll Alan Galea u fi stat li kien zgur li ma setghax jikkontrolla l-vettura tieghu.

L-ispjegazzjonijiet illi l-konvenut ta ghal dan l-incident ma jistghux jigu verifikati  u ghalhekk dawna jibqghu aktar suspetti bhal per ezempju l-iskuza ghaliex il-vettura tieghu kienet bla dawl. Il-konvenut ighid illi kellu dawl, pero' dana mar mad-daqqa. Dana huwa nettament kontra dak illi xehdu kemm Alan Galea kif ukoll Carmel Azzopardi meta jghidu illi l-konvenut kien qed isuq bla dawl. Jekk verament marlu l-*isteering* u kien qed isuq b'velocita' moderata u adekwata ghal dawk ic-cirkostanzi tat-triq, ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala l-konvenut ma setghax iwaqqaf il-karozza minnufih, jew almenu jitfahha ftit fil-gemb sabiex ma tkunx ta' ostakolu ghall-utenti kollha tat-triq. Minn dan kollu pero' ma ghamel xejn, baqa ghaddej kif kien, ixengel il-karozza minn nahha ghall-ohra sakemm fl-ahhar spicca biex habat ma' Alan Galea li minn nahha l-ohra habat ma' Carmel Azzopardi.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-konvenut ghandu jahti ghal dan l-incident. Dana peress illi kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb .

Min isuq taht din il-kondizzjoni jrid jerfa fuq spallejh prezunzjoni qawwija fil-konfront tieghu u dana ghaliex sewqan taht l-influwenza tax-xorb ma jistax ikun galbat u kontrollat u dan minn

nahha l-ohra, hu ta' perikolu ghal min ikun fit-triq kemm pedestrian kemm vettura. Din il-prezunzjoni tinkombi fuq is-sewwieq il-prova li minkejja li kien xurban l-incident ma garax tort tieghu. Taht certa kondizzjonijiet dan hu possibli izda l-presunzjoni dejjem tibqa u hija piz li jrid jerfa kull sewwieq li jissogra jinzel fit-triq taht din il-kondizzjoni. F'dan il-kaz, il-konvenut mhux talli ma lahaqx din il-prova talli kompla jitfa l-gebla fuq saqajh bi skuzi banali li ma jistghux jigu verifikati fliema kaz jibqghu dejjem suspetti u li zgur ma jagevolawx il-kaz tieghu. Il-konvenut ikkawza danni meta kien taht l-influwenza tax-xorb u issa li mhux irid ihallas ghall-ghemilu. Dan hu konformi mat-taghlim tad-dritt Ruman li "Qui peccat ebrius, luat sobrius".

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi, filwaqt li tillibera lill-kjamat fil-kawza Alan Galea mill-osservanza tal-gudizzju, tiddikjara lill-konvenut Joseph Grech unikament responsabbli ghal dan l-incident li gara fid-29 ta' Dicembru 1996, f'St Edward Street, Birgu bejn il-karozza BAC 064 misjuqa minn Carmel Azzopardi, il-karozza B-6941 misjuqa minn Alan Galea u l-karozza R-2564 misjuqa minnu stess u dana minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' l-istess konvenut.

Tillikwida l-ammont ta' danni dovuti lill-atturi fl-ammont ta' mitejn u sebgha u disghin lira u erbghin centezmi (Lm297.40) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Ii jhallas lill-atturi

dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

-

Anthony Zammit

Dep Reg